# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2020**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 1315/07JRM**

Nażżarenu u martu Carmen **AZZOPARDI**

vs

Lawrence u martu Rita **AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Diċembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) tikkundanna lill-imħarrkin jagħtu, fi żmien qasir u perentorju, rendikont ta' l-amministrazzjoni minnhom immexija tan-negozju tad-ditta *Azzopardi Bros* u dan sal-perijodu ta' żmien li jwassal sa Ottubru 2002; (2) tikkundannahom biex, flimkien mar-

rendikont ġust, iħallsuhom dak l-ammont riżultanti li jirrappreżenta s-sehem mill-qligħ tad-ditta *Azzopardi Bros* spettanti lill-attur u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali sal-jum tal-ħlas effettiv; u (3) tordna li, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jwettqu dak mitlub minnhom fl-ewwel talba fiż-żmien mogħti mill-Qorti, l-istess rendikont isir permzz ta' periti li l-Qorti jogħġobha taħtar għal dan il-għan u bi spejjeż għall-imħarrkin, flimkien mal-kundanna għall-ħlas tas-somma hekk likwidata, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma hekk likwidata sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2007[1] li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Jannar, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex it-tmexxija tan-negozju kienet f'idejn l-attur u ibnu u jmisshom ikunu l-atturi li jagħtu r-rendikont mitlub minnhom u dan kif se jsir f'azzjoni rikonvenzjonali li l-eċċipjenti kienu se jressqu. Żiedu jgħidu li ma fadal l-ebda assi tad-ditta x'jingħataw lill-atturi minħabba li kien l-attur li abbanduna n-negozju u ħalla warajh djun sostanzjali li jrid jagħmel tajjeb għalihom. F'kull każ, l-eċċipjenti ma kinux debituri tal-atturi, imma, għall-kuntrarju, kellhom jieħdu mingħandhom;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin flimkien mal-imsemmija Tweġiba li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra huma talbu li l-Qorti (1) tikkundanna lill-atturi rikonvenuti biex, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom, jagħtuhom rendikont tal-ġestjoni taghhom tan-negozju tad-ditta *Azzopardi Brothers;* (2) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, l-assi u d-djun kollha tad-ditta *Azzopardi Brothers* sal-jum li tali ditta kienet qed tkun ġestita bejn il-partijiet; (3) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, is-sehem ta' kull waħda mill-partijiet mill-assi u d-djun kollha tad-ditta *Azzopardi Brothers* u tassenja l-istess lil kull waħda mill-partijiet dak is-sehem hekk likwidat; (4) tillikwida dawk l-ammonti li l-esponenti kellhom minkejja fihom iħallsu huma għan-nom tad-ditta *Azzopardi Brothers*, magħdud kull imgħax kummerċjali imħallas lil terzi għan-nom ta' l-istess ditta; u (5) tikkundanna lill-atturi rikonvenuti li jħallsuhom dak l-ammont li jirrappreżenta sehemhom mill-ammont hekk likwidat. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa mill-atturi rikonvenuti għall-imsemmija Kontro-talba fid-19 ta' Frar, 2008, li bih laqgħu għall-Kontro-talba billi qalu li, fir-rigward ta' l-ewwel tliet talbiet rikonvenzjonali, ċaħdu li huma

[1] Paġ 7 u 8 tal-proċess

għandhom jagħtu xi rendikont ladarba n-negozju ma kienx immexxi mill-atturi rikonvenuti iżda mill-imħarrkin rikonvenjenti. Jgħidu wkoll li l-kotba tad-ditta jinstabu fil-pussess tal-imħarrkin rikonvenjenti w dan wara li l-attur inqala' 'l barra min-negozju tad-dittta, u kien l-istess imħarrek li baqa' jmexxi d-ditta bħal qabel. Laqgħu wkoll billi qalu li r-raba' u l-ħames talbiet rikonvenzjonali ma kinux jiswew minħabba li kienu talbiet inċerti u vagi. F'kull każ. rigward il-ħlas lura tal-ammonti mħallsa mill-imħarrkin rikonvenjenti, l-eċċipjenti laqgħu billi qalu li tali talba ma tisiwex għaliex filwaqt li l-imħarkin rikonvenjenti jgħidu li ħallsu ammonti f'isem l-atturi rikonvenuti, fl-istess ħin qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-ammonti mħallsa; u, jekk kemm-il darba d-djun għad iridu jitħallsu, t-talba tresqet qabel il-waqt għaliex tipprospetta kundanna ta' ħlas għal debiti li għadhom ma ġewx kanonizzati kontra l-imħarrkin rikonvenjenti, b'mod li l-imħarrkin rikonvenjenti qegħdin b'hekk jipprospettaw l-għoti ta' sentenza kundizzjonali. Barra minn hekk, jekk inhu minnu li l-imħarrkin rikonvenjenti tassew ħallsu xi djun, dawn ħallsuhom waqt li huma kienu għadhom qegħdin imexxu d-ditta wara li qabbżu 'l barra lill-atturi rikonvenuti;

Rat in-nota imressqa mill-atturi fil-25 ta' April, 2008[2], bl-affidavit u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-nota imressqa mill-imħarrkin fl-4 ta' Ottubru, 2013[3], bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-nota imressqa mill-atturi fil-25 ta' April, 2014[4], bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju, 2014[5], li bih ordnat li l-atti tal-kawża 93/04 JZM fl-ismijiet "*Lawrence Azzopardi et vs Alfred Debono et*" (li marret deżerta fit-12 ta' Jannar, 2010), jinġabu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2014[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u tat lill-partijiet żmien sabiex jirregolaw ruħhom dwar l-atti tal-kawża annessa;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2015[7], fejn il-partijiet iddikkjaraw li m'ghandhomx izjed provi xi jressqu u talbu li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bi trattazzjoni bil-fomm quddiem il-Qorti;

[2] Paġ 22 sa 32 tal-proċess
[3] Paġ 390 sa 396 tal-proċess
[4] Paġ 426 sa 435 tal-proċess
[5] Paġ 436 tal-proċess
[6] Paġ 455 tal-proċess
[7] Paġ 456 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża li l-atti tagħha nġabu quddiem il-Qorti;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukati difensuri tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni fejn l-atturi qed jitolbu li jingħataw rendikont tat-tmexxija tan-negozju li kellhom mal-imħarrkin, u sabiex jieħdu sehemhom mill-qligħ ġenerat mill-istess negozju. L-atturi jgħidu li t-tmexxija tad-ditta kienet f'idejn l-imħarrkin u għaldaqstant jitolbu li dawn jagħtuhom rendikont tal-imsemmija tmexxija saż-żmien meta nfirdu. Jitolbu wkoll biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem dovut lilhom mill-qligħ tad-ditta u sabiex jitħallsu tiegħu;

Illi l-imħarrkin, jilqgħu fil-mertu billi jgħidu li n-negozju ma kienx immexxi minnhom, iżda mill-attur u minn ibnu Dennis. Jiċħdu li hemm xi sehem x'jiġi likwidat favur tagħhom billi l-attur telaq minn rajh mid-ditta u ħalla warajh dejn li d-ditta għad għandha ma' terzi. Itennu li huma kredituri tal-atturi u mhux debituri tagħhom;

Illi b'żieda ma' dan, l-imħarrkin ressqu kontra-talba għall-azzjoni ewlenija u qegħdin jitolbu li l-atturi rikonvenuti jagħtuhom rendikont tat-tmexxija tad-ditta, jersqu għal-likwidazzjoni tal-assi u d-djun, u tal-qsim tal-istess f'żewġ ishma ndaqs. Jitolbu wkoll li jitħallsu lura s-sehem tal-atturi rikonvenuti li tħallas minnhom lill-kredituri ta' dejn kanoniżżat marbut man-negozju;

Illi l-atturi rikonvenuti jiċħdu li għandhom obbligu jagħtu rendikont, kemm għaliex it-tmexxija tad-ditta qatt ma kienet f'idejhom, u kif ukoll għaliex jgħidu li l-kotba tan-negozju baqgħu f'idejn l-imħarrkin rikonvenjenti. Rigward il-ħlas lura tal-ammonti mħallsa mill-imħarrkin, l-atturi jilqgħu billi jgħidu li (1) tali talba ma tiswiex għaliex filwaqt li l-intimati jgħidu li ħallsu ammonti f'isem l-atturi rikonvenuti, fl-istess ħin qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-ammonti mħallsa; u (2) kemm-il darba d-djun għad iridu jiġu saldati, it-talba rikonvenzjonali jiġi li tressqet qabel il-waqt għaliex hija talba maħsuba biex tordna kundanna ta' ħlas għal debiti li għadhom ma ġewx kanoniżżati kontra l-istess imħarrkin rikonvenjenti; (3) kemm-il darba d-djun tħallsu tassew mill-imħarrkin rikonvenjenti, dawn tħallsu minnhom meta huma

ssoktaw bit-tmexxija tad-ditta anke wara li l-atturi rikonvenuti tqabbżu 'l barra min-negozju tad-ditta;

Illi l-fatti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża juru li l-attur u l-imħarrek huma aħwa u, għal żmien konsiderevoli, kellhom negozju bl-isem tad-ditta *Azzopardi Bros* li kien jikkonsisti fix-xiri u bejgħ ta' ħxejjex u ta' frott. Mal-awtoritajiet, l-indirizz tad-Ditta kien id-dar fejn joqogħdu l-imħarrkin f'Ħad-Dingli. In-negozju bdieh l-imħarrek, u maż-żmien daħħal jaħdem miegħu lil ħuh l-attur[8]. L-aħwa Azzopardi damu jaħdmu flimkien għal madwar għoxrin sena[9]. Fl-aħħar tlett snin, iben l-attur, Dennis, daħal jaħdem mad-ditta biex jagħmel xogħol ta' skrivan, fost oħrajn[10];

Illi fl-ewwel tlett snin tan-negozju, l-attur jistqarr li kien iżomm il-flejjes u l-karti tan-negozju għandu billi l-ġiri fuq barra kien fdat f'idejh[11]. Fl-1980, l-aħwa Azzopardi kisbu mingħand il-Gvern, b'titolu ta' kera, posta li ġġib in-numru tlieta (3), fil-Pitkalija f'Ta' Qali, u n-negozju beda jitmexxa minn ġo dik il-posta[12]. Il-karti kienu jinżammu kemm f'kexxun fl-iskrivanija fl-istess kamra, kif ukoll fil-garaxx tal-imħarrek jew f'post bħalu fid-dar tal-attur[13], filwaqt li l-flejjes kienu jinżammu f'kaxxaforti ġol-garaxx tal-imħarrek[14]. L-attur jinsinwa li ħuh ukoll kien iżomm xi flejjes għandu[15], għalkemm l-attur jiċħad dan bil-qawwa kollha[16]. Jirriżulta li ż-żewġt aħwa kellhom ċwievet kemm tal-kaxxaforti[17], u kif ukoll tal-kamra fil-Pitkalija f'Ta' Qali, u tal-garaxxijiet li fihom kienu jżommu l-karti[18]. It-tnejn li huma jistqarru li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet mibnija fuq fiduċja, u għaldaqstant kienu jqiegħdu u jieħdu flejjes mingħajr ma jżommu rendikont[19]. Il-ħlas fin-negozju kien isir bi flus kontanti[20], u kien biss fis-sena 2000 li l-aħwa Azzopardi fetħu kont konġunt ma' bank kummerċjali billi ħadu faċilità ta' *overdraft* flimkien[21]. Fi kliem l-imħarrek, dan kien sar minħabba li kellhom idaħħlu flus mingħand terzi u ma kellhomx flejjes f'idejhom[22];

Illi għalkemm il-faċilità bankarja nħarġet fuq isem iż-żewġt aħwa, l-ipoteka speċjali nħarġet fuq il-ġid tal-imħarrkin biss għaliex l-attur irreżista li jagħmel tajjeb għan-negozju b'ġidu[23]. Jirriżulta li l-aħwa Azzopardi ma kinux

---

[8] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 308 tal-proċess
[9] *Ibid* paġ. 307 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 363 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 451 tal-proċess
[12] *Ibid*. Ara wkoll Dok. FM4 f'paġġ. 264 sa 267 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 331 sa 332 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda tal-attur f'paġġ. 445 sa 446 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 315 tal-proċess
[15] *Ibid* paġ. 312
[16] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 441 tal-proċess
[17] *Ibid* paġ. 315
[18] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 446 tal-proċess
[19] *Ibid* paġġ. 310 u 312 tal-proċess
[20] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 23 tal-proċess
[21] Dokti. "RA2" sa Dok. "RA9" f'paġġ. 89 sa 115 tal-proċess u Dok. "RA11" f'paġ. 117 tal-proċess
[22] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 392 tal-proċess u tal-attur f'paġ. 24 tal-proċess
[23] Dok. "RA4" f'paġġ. 96 sa 97 tal-proċess

iżommu rendikont organiżżat tad-dħul u lanqas tal-ħruġ tal-flejjes ġenerati min-negozju[24], u meta sabu ma' wiċċhom kawża miftuħa kontrihom minn wieħed mill-kredituri tad-ditta, ma kellhomx mod kif jistgħu jikkontestaw it-talba sewwa għaliex ma kellhomx x'juru l-ħlasijiet li setgħu saru lill-kreditriċi[25]. Bl-istess mod, meta l-imħarrek u martu fittxew b'kawża lil wieħed mid-debituri tad-ditta għall-ħlas li, fil-fehma tagħhom, kien għadu dovut lilhom, irriżulta li ma kienx hemm rendikont ta' ħlas li kien sar lid-ditta mid-debitur imħarrek[26];

Illi ta' kull xahar, l-aħwa Azzopardi kienu jgħaddu l-karti lil wieħed li kien imqabbad minnhom biex iżommilhom il-kotba, u dan kien jieħu ħsieb idaħħal il-karti marbuta mal-ħlas tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u taxxa oħra mad-Dipartimenti konċernati[27];

Illi l-aħwa Azzopardi jwaħħlu f'xulxin dwar min kien tabilħaqq imexxi n-negozju. Jirriżulta li l-ordnijiet kien jagħtihom l-imħarrewk u mal-klijenti hu kien jinsisti li l-ħlas isir lilu[28]. Jirriżula wkoll li mart l-imħarrek, Rita, kienet tinżel xi darbtejn fil-ġimgħa fil-kamra f'Ta' Qali u tagħti daqqa t'id fil-kitba[29];

Illi ta' kull xahar, l-aħwa Azzopardi jistqarru li kienu jieħdu mill-qligħ tan-negozju l-ammont ta' mitejn sa mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm200-250)[30], filwaqt li meta iben l-attur Dennis beda jaħdem mad-ditta, kien jitħallas l-ammont ta' ħamsa u sittin lira Maltin (Lm65) bħala paga ta' kull xahar[31]. L-imħarrek jaċċenna għall-fatt li minbarra l-mitejn lira Maltin (Lm200), kienu jieħdu wkoll mill-qligħ tan-negozju dawk il-flejjeż li jkollhom bżonn minn żmien għal żmien[32]. Matul is-snin il-partijiet jgħidu li ħadu kull wieħed għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) mill-qligħ. L-attur jistqar wkoll li mill-qligħ ħa s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) iżda raddha lura, u dwar dan l-imħarrek jikkonferma, kif ukoll is-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000), li l-imħarrek din ta' l-aħħar jgħid li ma jafx biha[33];

Illi matul is-snin, l-aħwa Azzopardi kienu jaħdmu bi tliet trakkijiet u vann. Kif mistenni, mill-qligħ tan-negozju, kienu jitħallsu l-ispejjeż marbuta mal-użu tal-vetturi[34]. Għal darb'oħra, l-ispejjeż marbuta mat-tħaddim u maż-

[24] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 312 tal-proċess
[25] Cit. Nru. 1175/2003AF fil-kawża fl-ismijiet *Frank P. Borġ Limited vs. Nazzareno Azzopardi et* f'paġġ. 394 sa 396 tal-proċess
[26] Ara Cit. Nru. 93/04 JZM fil-kawża fl-ismijiet *Lawrence Azzopardi et vs. Alfred Debono et.* Ara wkoll ix-xhieda ta' Alfred Debono f'paġ. 280 tal-proċess u Dok. "ADB" sa Dok. "ADS" f'paġġ. 285 sa 302 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Lawrence Azzopardi f'paġ. 403 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Louis Schranz fil-proċeduri Cit. Nru. 2279/2003 f'paġ. 395 tal-proċess u dik f'paġġ. 148 u 153 tal-proċess
[28] Ara ix-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 328 tal-proċess, dik ta' Alfred Debono f'paġ. 282 tal-proċess u d-dokumenti f'paġġ. 285 sa 302 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 393 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 280 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda ta' Nazzareno Azzopardi f'paġ. 441 tal-proċess u l-affidavit ta' Lawrence Azzopardi f'paġ. 391 tal-proċess
[31] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 391 tal-proċess
[32] *Ibid*
[33] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 23 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 400, u 320 sa 321 tal-proċess
[34] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 372 sa 373 tal-proċess

żamma f'kundizzjoni tal-vetturi ma kienx jinżamm rendikont tagħhom[35]. Illi waħda mill-vetturi kienet issejjaħ lill-attur u meta nbiegħet (fl-ammont ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500), l-attur żamm id-dħul kollu għalih. Vettura oħra nbiegħet għal ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u d-dħul minnha żammhom l-imħarrek, filwaqt li fil-każ tat-tielet vettura, din kienet inbiegħet mill-imħarrek wara li l-attur raddha lura, imma l-imħarrek biegħha għal sitt mitt lira Maltin (Lm600) u d-dħul minnha żammu għalih. Jirriżulta li fuq din tal-aħħar, l-imħarrek ħallas minn butu kemm il-liċenzja kif ukoll l-assikurazzjoni tal-vettura[36];

Illi kienu jitħallsu wkoll il-kera lill-Gvern tal-kamra ġewwa l-Pitkali, u dawk marbuta mal-konsum tas-servizzi[37]. Għaldarb'oħra l-aħwa Azzopardi jgħidu li m'għandhomx rendikont ta' kemm intefqu flejjes fir-rigward ta' dawn il-kontinġenzi[38]. Jirriżulta li d-Dipartiment tal-Artijiet huwa kreditur fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u erbgħatax il-lira Maltin, tmienja u għoxrin il-ċenteżmu (Lm2,714.28), rappreżentanti arretrati ta' kera tal-kamra ġewwa l-Pitkali[39];

Illi jirriżulta li l-imħarrek kien jagħmel fuq ismu negozju ieħor tal-bejgħ tal-karozzi u tal-artijiet. Huwa jistqar li laħaq ħa xi flejjes mill-qligħ tan-negozju ma' ħuh biex jiffinanzja n-negozju personali tiegħu, u viċi-versa[40];

Illi fit-3 ta' Ottubru, 2002, l-aħwa Azzopardi kellhom argument bejniethom, u l-attur ma resaqx aktar lejn il-kamra tal-Pitkalija f'Ta' Qali. Huwa jgħid li ma żammx ċwievet għandu[41]. Għal xi żmien, in-negozju baqa' jitmexxa mill-imħarrek mill-kamra ġewwa l-Pitkalija f'ta' Qali[42], sakemm huwa kiseb faċilità bankarja oħra fuq ismu għaliex il-bank kien waqqaf il-faċilità bankarja maħruġa fuq l-aħwa. Il-kreditu dovut lill-bank fuq l-faċilità tal-*overdraft* fl-ammont ta' erbat elef, seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin, u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm4,783.87c) inġibed minn kont bankarju konġunt li kien isejjaħ lill-imħarrkin[43]. Wara li l-aħwa nfirdu, l-imħarrek kien jinnegozja b'numru tal-VAT fuq ismu, filwaqt li l-attur baqa' jaħdem fl-istess lant billi jagħmel użu tat-trakk tad-ditta[44];

Illi ħareġ ukoll li l-imħarrek ħallas sehmu mill-flejjes dovuti lill-kredituri, fl-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) lil wieħed Said, madwar

35 *Ibid.* f'aġ. 374 tal-proċess
36 Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 415 sa 419 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda tal-attur f'paġ. 448 tal-proċess
37 Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 373 tal-proċess
38 *Ibid* paġ. 374 tal-proċess
39 Ara x-xhieda ta' Frank Mizzi f'paġ. 274 tal-proċess
40 Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 321 tal-proċess
41 Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 450 tal-proċess
42 Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 349 tal-proċess
43 Ara x-xhieda ta' Romuald Attard f'paġ. 120 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "RA10" f'paġ. 116 tal-proċess
44 Paġġ. 366 sa 367 tal-proċess

tlett elef lira Maltin (Lm3,000) lil wieħed kunjomu Cachia Żammit, u ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000) lill-kumpannija Frank P. Borġ Limited. L-imħarrek jgħid li għandu flusu li jirrappreżentaw is-sehem li l-attur kellu joħroġ biex jinqata' l-imsemmi dejn, jinsabu maqbudin u li ma jistax jagħmel użu minnhom għaliex l-attur naqas li jħallas is-sehem tiegħu[45]. Min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li ħallas is-sehem tiegħu lil Cachia Żammit fl-ammont ta' tlett elef, u tmienja u sittin lira Maltija, u tmienja u għoxrin ċenteżmi (Lm3068.28). Jgħid ukoll li għadu ma ħallasx sehmu mill-ammont dovut lil Frank P. Borġ Limited;

Illi bħala rendikonti tal-ġestjoni tan-negozju tad-Ditta *Azzopardi Bros Limited*, kif jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati mill-komputista għall-aħħar tlett snin, jiġifieri bejn is-sena 2000 u 2002: (1) iċ-ċifri ma jurux li d-ditta kellha xi kredituri[46]; (2) Fis-sena 2000, mill-qligħ tad-ditta, kull wieħed mill-aħwa Azzopardi tul is-sena ħa l-ammont ta' ħamest elef, seba' mija sebgħa u sittin lira Maltin (Lm5767)[47]. Id-ditta, fis-sena 2000, spiċċat bi qligħ nett ta' sitt elef, erba' mija erbgħa u ħamsin lira Maltin (Lm6454), għaldaqstant is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa Azzopardi kien dak ta' tlett elef, mitejn u sebgħa u għoxrin lira Maltin (Lm3227); (3) Fis-sena 2001, id-ditta bdiet bil-qligħ li għamlet is-sena ta' qabel (2000), dak ta' sitt elef, erba' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltin (Lm6454)[48]. Jidher li mid-dħul tad-ditta, kull wieħed mill-aħwa Azzopardi ħa l-ammont ta' Lm5497[49]. F'għeluq is-sena, id-ditta spiċċat bi qligħ nett ta' sebat elef, seba' mija u sitta u ħamsin lira Maltin (Lm7756). Għaldaqstant, is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa Azzopardi kien dak ta' tlett elef, seba' mija u tmienja u sebgħin lira Maltin (Lm3778); (3) Fis-sena 2002, id-ditta bdiet bil-profitt li għamlet is-sena ta' qabel (2001), dak ta' sebat elef, seba' mija u sitta u ħamsin lira Maltin (Lm7756), li miegħu jrid jiżdied il-qligħ li d-ditta għamlet tul dik is-sena fl-ammont ta' sebat elef, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm7633)[50]. B'hekk id-ditta fis-sena 2002 spiċċat b'valur ta' ħmistax-il elf, tliet mija u tmienja u disgħin lira Maltin (Lm15,398). Dan l-ammont iżda ma jurix il-flejjes li l-aħwa Azzopardi setgħu ħadu mill-qligħ matul is-sena. Jekk wieħed jimxi fuq il-medja ta' kemm l-aħwa Azzopardi ħadu mil-qligħ tad-ditta tul l-aħħar sentejn, dan iwassal biex mill-qligħ huma ħadu l-ammont ta' ħamest elef, sitta mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm 5632) fl-2002. B'hekk mid-dokumenti prodotti mill-komputista, il-valur li d-ditta spiċċat bih fis-sena 2002 huwa dak ta' disat elef, seba' mija sitta u sittin lira Maltin (Lm9,766)[51];

[45] Ara affidavit tal-imħarrek f'paġ. 393 tal-proċess
[46] Ara paġ. 198 u paġ. 191 tal-proċess fejn hemm referenza għal "*creditors and accruals*"
[47] Ara paġ. 198 tal-proċess fil-kolonna 2000 fejn hemm referenza għal "drawings". Għaldaqstant kull xahar, l-aħwa Azzopardi messhom salarju ta' Lm 480 (5767/12)
[48] Ara paġ. 198 tal-proċess fil-kolonna 2001 fejn hemm referenza għal "Current Accounts N. Azzopardi brought forward ... u L. Azzopardi brought forward"
[49] *Ibid* paġ. 198 tal-proċess fil-kolonna 2001 fejn hemm referenza għal "drawings". Għaldaqstant kull xahar, l-aħwa Azzopardi messhom salarju ta' Lm 458 (4846/12)
[50] Ara paġ. 190 tal-proċess u r-referenza għal "Schedule of Distribution"
[51] Drawings: Lm5767 (sena 2000) + Lm 5487 (sena 2001) = Lm11,264 / 2 = Lm5632 (sena 2002). Lm15,398 – Lm5632 = Lm9766

Illi fil-25 ta' Ġunju, 2007[52], l-attur u martu Carmen Azzopardi, interpellaw lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali sabiex jersqu għall-għoti tar-rendikont tan-negozju tad-ditta; u biex issir il-likwidazzjoni tal-assi tan-negozju; u jitħallsu s-sehem tagħhom mill-qligħ riżultanti;

Illi billi l-imħarrkin naqsu li jwettqu dak li ntalbu, fit-18 ta' Diċembru, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel, minħabba li l-kawża ewlenija wasslet biex l-imħarrkin iressqu kontro-talba, huma tlieta: (i) tiddetermina min tassew kien imexxi n-negozju ta' bejniethom; (2) jekk għandux jiġi ordnat l-għoti ta' rendikont; (3) jekk huwiex minnu li l-imħarrkin ħallsu djun li minnhom l-atturi kellhom iħallsu sehemhom u f'każ li jirriżulta fl-affermattiv, l-ammont li għandu jiġi mħallas lura;

Illi l-Qorti tqis li din il-kawża tistrieħ ħafna fuq il-kwestjoni ta' kredibilità u b'mod partikolari fuq min mill-partijiet hija tista' toqgħod l-iżjed biex tasal għall-fehmiet tagħha. Minbarra dan, kif sejjer jirriżulta, hemm iċ-ċirkostanza li n-negozju kien ta' żewġt aħwa li qajla kellhom ħeġġa biex dak li jsir fin-negozju tagħhom ikun dokumentat kif imiss jew li jagħrfu liema kienu t-transazzjonijiet tan-negozju u liema kienu dawk personali. F'dan il-qafas ta' fiduċja, ma kien hemm l-ebda xkiel jew kontroll, imma meta beda jberraq bejniethom, ħareġ ċar kemm dawn in-nuqqasijiet ħallew lill-isħab maqtugħin mill-possibilità li jagħrfu fejn kienu u x'kien is-sehem ta' kull wieħed mill-ġid u mid-djun;

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis **min miż-żewgt aħwa kien imexxi n-negozzju**. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-partijiet jippuntaw is-swaba' lejn xulxin bit-tmexxija tan-negozju. Fil-fehma tal-Qorti, il-moħħ wara n-negozju kien minn dejjem l-imħarrek. Fil-fatt, in-negozju bdieh hu f'ismu, imbagħad ingħaqad miegħu l-attur. Il-Qorti fehmet li minkejja li l-imħarrek ma baqax jiġġestixxi n-negozju waħdu, baqa jmexxih bl-istess mod daqs li kieku kien '*sole trader'*. Jirriżulta b'mod ċar li l-imħarrek kien jagħti l-istruzzjonijiet lil ħuh dwar x'għandu jsir u ma' min kellu jsir in-negozju, filwaqt li l-attur kien iwettaq l-istess struzzjonjiet u jagħmel il-parti l-kbira tal-ġiri fuq barra. Jirriżulta wkoll li lil iben l-attur, Dennis, impjegah l-imħarrek zijuh u kien hu wkoll li temmlu l-impjieg meta nqala' l-għawġ bejn l-aħwa. Kien l-imħarrek li jħallas lil Dennis il-paga u kien hu wkoll li jagħtihielu kull ġimgħa. Jirriżulta li kien l-imħarrek li qatagħha li kien wasal il-waqt li l-aħwa jieħdu faċilità mal-bank, u bħala ipoteka speċjali, iġġarantixxa bi ħwejġu u d-djun li d-ditta kellha

[52] Dok. "A" paġ. 6 tal-proċess

mal-bank tħallsu minn flejjes tal-imħarrkin. Fix-xhieda tiegħu, l-imħarrek jitkellem b'konvinzjoni dwar id-debituri li kellha d-ditta u l-flejjes li d-ditta kellha dovuti lill-kredituri tagħha. Min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li ma kellhom dejn ma' ħadd għaliex kien maqtugħ mit-tmexxija u ma kienx jaf tassew x'inhu għaddej. Kien l-imħarrek ukoll li ħa d-deċiżjoni li jgħaddi xi flejjes tad-ditta lil ħuh biex seta' jibni d-dar;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li n-negozju kien fil-fatt ġestit mill-imħarrek, kultant bl-għajnuna ta' martu Rita;

Illi fid-dawl ta' din il-fehma, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel parti tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin, li jridu li n-negozju tad-ditta *Azzopardi Brothers* kien jitmexxa mill-attur Nazzareno u minn ibnu Dennis Azzopardi, għaliex din l-allegazzjoni ma tirriżultax mill-provi mressqa;

Illi t-tieni kwestjoni li sejra tqis il-Qorti, dwar **jekk għandux jiġi ordnat l-għoti ta' rendikont**, hija aktar komplikata. Dan jingħad fil-qafas ta' dak li jissemma aktar qabel dwar kif il-partijiet ġabu rwieħhom fix-xogħol tad-ditta. L-aħwa jistqarru li bejniethom kien hemm fiduċja kbira, tant li ma ħassewx il-ħtieġa li joħolqu sistema, imqar bażilari iżda b'aktar trasparenza, li turi xi dħul kien qed jiġi ġenerat min-negozju u n-nefqa ta' l-istess. Jekk din il-fiduċja kinetx ġenwina jew jekk għal kuntrarju, kienx hemm xi għan ulterjuri wara t-tħaddim ta' sistema diżorganizzat bi ftit li xejn lok ta' rendikont, il-Qorti mhix f'qagħda li tikkummenta fuqha. Jista' jingħad, mingħajr tlaqliq, iżda jidher li ż-żewġ partijiet kienu 'komdi' fit-tħaddim ta' dan is-sistema diżorganizzat sakemm ma nqalax l-għawġ bejniethom;

Illi s-sorprizi f'din il-kawża ma jiqfux biss mal-fatt li n-negozju kien isir biss bil-ħlas fi flus kontanti, u li l-flejjes kienu jitpoġġew ġo sejf flok f'bank (fiż-żmien meta l-aħwa ma kinux jaħdmu bil-faċilità ta' *overdraft*), bil-partijiet ikollhom aċċess ħieles għal dak li jkun hemm fil-kexxun x'ħin ifettlilhom. Biex is-sitwazzjoni tikkomplika aktar ruħha, jirriżulta li l-imħarrek laħaq uża xi flejjes tan-negozju biex jiffinanzja n-negozju li kellu għal rasu u li minnu ħuh Nazzareno ma kellux dħul. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li l-aħwa (it-tnejn u mhux wieħed jew l-ieħor) meta kienu fil-bżonn, ma raw xejn ħażin li jaqbdu u jieħdu flus mill-qligħ tan-negozju w jużawhom għall-għanijiet ulterjuri[53];

Illi huwa diżappuntanti wkoll il-fatt li l-karti ġenerati min-negozju kienu mxerrdin fi tliet bnadi: fil-kamra li l-aħwa kellhom fil-Pitkali f'Ta' Qali, fil-garaxx tal-attur u f'dak tal-imħarrek. Biex tkompli tgħaqqad, lill-*accountant*

[53] Ara footnote 36

l-aħwa ma kienux jgħaddulu l-karti kollha. Dan ifisser li l-ftit rendikont li l-Qorti għandha tad-dħul u nfiq ġenerat min-negożju, ma jistax jitqies bħala wieħed sħiħ imqar għall-perjodu tas-snin li jirreferu għalihom;

Illi l-komputista mqabbad mill-Qorti fil-kawża miftuħa kontrihom minn kreditur, fl-ismijiet Frank P. Borġ Limited kontra l-aħwa Azzopardi[54], jistqarr li "*The records* (f'dik il-kawża) *produced by the defendants were found to be disjointed and disorganised. Furthermore, there was no evidence produced to me suggesting some form of an accounting system, let alone reliable and proper accounting records*"[55];

Illi jirriżulta wkoll li meta n-negozju bejn l-aħwa ntemm ħesrem, il-karti li setgħu kienu fil-kamra fil-Pitkali f'Ta' Qali u dawk li kienu għand l-imħarrek, l-attur baqa' ma kellux aċċess għalihom. Bl-istess mod, l-imħarrek baqa' ma kellux aċċess għall-karti li setgħu kienu fil-garaxx tal-attur. L-imħarrek jistqarr ukoll li l-karti li kellu fil-pussess tiegħu ramihom meta ma baqax fin-negozju[56];

Illi l-Qorti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha, tasal għall-fehma li ma jiswa xejn li tordna l-għoti tar-rendikont tan-negozju mmexxi mill-imħarrek. Fl-ewwel lok, dan jingħad għaliex is-sistema mħaddem mill-aħwa ma kienx jippermetti li wieħed jasal għat-tfassil ta' xi forma ta' rendikont aġġornat u xieraq li minnu wieħed jista' jislet stampa fidila ta' dak li kien għaddej bejn l-aħwa nfushom. Fit-tieni lok, is-sistema li kienu jħaddmu l-aħwa Azzopardi ġie konfermat minn komputista mqabbad mill-Qorti fi proċeduri oħrajn meħuda quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) bħala wieħed "*disjointed and disorganised*". Fit-tielet lok, ir-rendikont tad-dħul u nfieq tal-aħħar tlett snin mill-*accountant*, għalkemm juri li seta' kien hemm bilanċ pożittiv ta' madwar disat elef u seba' mija u sitta u sittin Lira Maltija (Lm9,766)[57], hija biss stima għaliex irid jittieħed qies tal-fatt li l-*accountant* kellu jimxi fuq dak it-tagħrif u dokumenti li għaddewlu l-aħwa Azzopardi, u bħala fatt jirriżulta li l-aħwa Azzopardi ma għaddewlux id-dokumenti kollha. Jirriżulta wkoll li fl-istess komputazzjoni, il-komputista ħalla għal kollox barra d-djun li kellha d-ditta mal-kredituri tagħha. Fir-raba' lok, l-attur temm is-sħubija ħesrem bir-riżultat li nqata' min-negozju u ħalla madwar ħames snin jgħaddu minn meta warrab biex fetaħ din il-kawża. Fil-ħames lok, f'dak il-perjodu ta' ħames snin, l-imħarrek jistqarr li l-karti tad-ditta li kienu għandu laħaq ramihom;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi fuq nuqqas ta' provi (liema provi kien jaqa' fuq l-attur li jressaq) u billi l-Qorti

[54] Cit. Nru. 1175/2003 deċiża mill-P.A. fis-17 ta' April, 2012
[55] Paġ. 396 tal-proċess
[56] Ara x-xhieda ta' Lawrence Azzopardi f'paġ. 406 tal-proċess
[57] Li jġibu € 18,555.73 fi flus tallum

qiegħda tara li mhux ser tkun f'qagħda li jingħata rendikont xieraq fuq it-tagħrif imressaq quddiemha, ukoll kieku kellha taħtar persuna ta' ħila f'dan il-qasam. Bl-istess mod u għall-istess raġuni, se tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali bħala mhux mistħoqqa, u tiċħad b'hekk ukoll it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali;

Illi jmiss li l-Qorti tqis it-tielet u l-aħħar konsiderazzjoni, **jekk huwiex minnu li l-imħarrkin ħallsu dejn tal-atturi u, f'każ li jintwera li sar hekk, x'inhu l-ammont li għandu jintradd lura**. Il-pretensjonijiet tal-imħarrek rikonvenjent f'dan ir-rigward jirriżultaw mill-affidavit tiegħu tal-4 ta' Ottubru, 2013[58]. Biex isaħħaħ ix-xhieda tiegħu huwa ressaq kopja ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' April, 2012, minn fejn jirriżulta li l-aħwa Azzopardi għandhom jagħtu lill-kumpannija Frank P. Borġ Limited is-somma ta' mija u ħamsin elf, erba' mija u ħdax-il ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (€150,411.25). L-imħarrek jistqarr li, filwaqt li hu ħallas is-sehem tiegħu lill-kumpannija kreditriċi, dak dovut minn ħuh l-attur qed jagħmel tajjeb għalih huwa wkoll wara l-ħruġ ta' mandat eżekuttiv ta' qbid fuq ir-residenza tiegħu u ta' martu. Min naħa l-oħra, l-attur jgħid li l-imħarrek ħallas biss is-sehem tiegħu u li hu m'għandu ebda pendenza ma' ħuh[59];

Illi l-Qorti tqis li ma jirriżultawlhiex mill-atti d-danni li l-imħarrek jgħid li qed iġarrab minħabba l-aġir tal-attur. Kemm hu hekk, l-imħarrek ma ressaq l-ebda dokument li juri l-qbid tal-ġid tiegħu u l-ammont li għandu miżmum li jappartjeni lill-attur. Ladarba din hija pretensjoni rikonvenzjonali, kien jaqa' fuq l-imħarrkin rikonvenjenti li juru b'mod tajjeb biżżejjed dak li jallegaw. Fil-fehma tal-Qorti, huma naqsu li jagħmluh fi grad tajjeb biżżejjed biex tista' toqgħod fuq dik l-allegazzjoni;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad fuq nuqqas ta' prova tajba kemm ir-raba' u kif ukoll il-ħames talbiet rikonvenzjonali bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin, **tiċħad it-talbiet attriċi** minħabba nuqqas ta' tressiq ta' provi tajbin biżżejjed biex fuqhom seta' jingħata ġudizzju;

**Tiċħad ukoll it-talbiet rikonvenzjonali** kollha bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

[58] Ċitazz. Nru. 1175/03AF f'paġġ. 393 tal-proċess u li għaddiet f'ġudikat
[59] Affidavit tal-attur f'paġ. 429 tal-proċess

**Tordna** li dwar l-azzjoni prinċipali l-**ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa** bejn il-partijiet, filwaqt li l-imħarrkin rikonvenjenti jħallsu l-**ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali.**

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Jannar, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Jannar, 2020**